MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI RIMANDANTI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2013

Numru. 615/2013

**Il-Pulizija
(Spettur Jessica Grima)**

**vs.**

**Cosmin-Bogdan Tofan**

Il-Qorti,

Rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil **Cosmin-Bogdan Tofan**, ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, ta' nazzjonalita Rumena, imwieled fis-6 ta' Novembru 1991 f'Birland, fir-Rumanija, iben Romeo u Karmen neé Saimu, possessur tal-Karta tal-Identita' Rumena GL 468148 u residenti gewwa l-fond 68, Flat 4, Hawt Street, Swieqi.

Rat l-Allert taht is-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen mahrug fuq talba tal-Galati Local Court fir-Rumanija kontra Cosmin-Bogdan Tofan, maghruf minn issa l-quddiem bhala “l-estradant”, li huwa mfittex mill-Awtoritajiet kompetenti gudizzjarji fir-Rumanija, pajjiz skedat *ai fini* tal-Artikolu 5 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 biex hemm iservi piena ta’ erba’ snin habs dwar serq aggravat.

Rat il-Mandat ta’ Arrest Ewropew mahrug mill-istess Qorti fil-konfront tal-estradant.

Rat ic-certifikat mahrug mill-Avukat Generali skond l-Artikoli 6A u 7 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 (*a fol.* 11).

Rat illi, fis-seduta tal-25 ta’ Gunju 2013, il-Qorti diversament preseduta iddecidiet li l-persuna li kellha quddiemha, u cioé l-estradant, kienet fl-ikbar probabbilita’ l-persuna ghal liema inhareg l-Allert imsemmi hawn fuq.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet, fis-seduta tal-lum, lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jiddikjaraw li l-estradant gie misjub hati b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona u qed iservi terminu ta’ prigunerija *stante* li nstab hati.

Semghet, fis-seduta tal-lum, is-sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni u mill-Avukat tad-difiza ta’ l-estradant.

**Ikkunsidrat**

Illi, *ai termini* ta’ l-Artikolu 10 tal-Avviz Legali 320 tal-2004, tiddikjara li l-persuna li qed tidher quddiem din il-Qorti huwa fil-fatt l-istess persuna kontra min inhareg l-Allert imsemmi hawn fuq.

Illi, *ai termini* ta’ l-Artikolu 11 tal-Avviz Legali 320 tal-2004, il-Qorti nfurmat lill-estradant dwar il-kontenut tal-Allert u tal-Mandat ta’ Arrest Ewropew mahrug kontra tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tat lill-estradant dik l-informazzjoni necessarja dwar il-kunsens *ai termini* tal-Artikolu 11(2) tal-Avviz Legali 320 tal-2004.
Illi l-Qorti spjegat lill-estradant l-import tal-Artikolu 43 ta' l-Avviz Legali 320 tal-2004.

Illi l-Qorti semghet lill-estradant, volontarjament u prezenti l-abili difensur tieghu u l-interpreti nominati, jiddikjara li huwa jixtieq jissottometti ruhu ghall-Awtorita Gudizzjarja nvoluta u ghalhekk qed jaghti l-kunsens tieghu sabiex jigi estradit u mreggi lura lejn r-Romanija, u li huwa mhux qed jirrinunzja ghad-dritt ta' specjalita' koncess *ai termini* tal-Artikolu 18 tal-Avviz Legali 320 tal-2004.

Illi, dwar dan il-kunsens, il-Qorti ser taghmilha cara illi din id-dikjarazzjoni da parti tal-estradant qed issir a bazi tal-Artikolu 43(3) tal-Avviz Legali 320 tal-2004.

Illi, wara li rat Artikolu 28A tal-Avviz Legali 320 tal-2004 u wara li rat li d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 43 ta' l-imsemmi Avviz Legali gew osservati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, a bazi ta' dak premess, tordna li l-estradant **Cosmin-Bogdan Tofan**, skond kif deskritt fid-dokumenti li jinsabu *a fol.* 6 sa 10 tal-process, jinzamm taht kustodja u tissospendi l-konsenja tieghu lejn ir-Romanija skond il-Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug kontra tieghu *ai termini* ta' Artikolu 44 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 sakemm jiskonta t-terminu ta' prigunerija li bhalissa qed iservi f'Malta, u dana *ai termini* tal-Artikolu 28A(3)(a) tal-Avviz Legali 320 tal-2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------